# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**Magistrat**
**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can.)**

**Seduta mizmuma llum, 25 ta' Jannar 2017.**

**Rikors Numru: 296/16 CSH**

**GO p.l.c (bin-numru ta' registrazzjoni tal-kumpanija C22334)**

**vs**

**Dylan Cardona**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici li gie pprezentat nhar it-2 ta' Dicembru 2016 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' sebat elef disgha mija wiehed u tmenin Ewro u erbgha u erbghin centezmu (€7,981.44) in konnessjoni ma' servizz fuq in-numru 79287592 liema servizzi huma migbura fil-kont bin-numru 40239237.

Illi s-socjeta' Mobisle Communications Ltd. li maghha gew ikkuntrattati s-servizzi fuq imsemmija, giet b'effett mid-19 ta' Dicembru 2015, amalgamata fis-socjeta' esponenti.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali, inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali 973/15 u bl-imghaxijiet legali sa mill-24 ta' Gunju 2015, data tal-prezentata ta' l-imsemmija ittra ufficcjali kontra s-socjeta' konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat illi is-socjeta' konvenuta kienet debitament notifikata skond riferta posittiva tal-Purtier Connie Pullicino datata 21 ta' Dicembru, 2016 fejn thalliet kopja tal-avviz fl-indirizz tal-konvenut kif moghti fir-rikors promotur tas-socjeta attrici (fol. 10).

Rat illi fis-seduta tat-18 ta' Jannar 2017 il- konvenut gie imsejjah izda ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici.

Rat illi l-avukat difensur tas-socjeta' attrici pprezenta kapitolu ghas-subizzjoni tas-socjeta' konvenuta dakinhar tat-18 ta' Jannar 2017.

Rat illi fis-seduta tas-18 ta' Jannar 2017, il-konvenut ma dehrx sabiex iwiegeb ghas-subizzjoni tas-socjeta' attrici.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' sebat elef disgha mija wiehed u tmenin Ewro u erbgha u erbghin centezmu (€7,981.44) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors promotur, flimkien mal-ispejjez inkluz it-taxxa dovuta fuq id-drittijiet professjonali u dawk tal-ittra ufficcjali 973/15 u bl-imghaxijiet legali sa mill-24 ta' Gunju 2015 sad-data tal-effettiv pagament.**

**Dott. Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Marbeck Spiteri**
**Deputat Registratur**